MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 112/2005

**Vogue Labels Ltd – C2620**

**Vs**

**Phone Direct**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u hames liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,805.72) rapprezentanti prezz ta' materjal u stampa li l-konvenut baqa' morus li jhallas minkejja li kien interpellat bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkundsidrat</u>

Illi kif risultanti mill-atti, is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz in esami permezz tal-procedura specifikata fl-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (ara fol 29, 30, 32, 34 u 36 tal-istess atti).

Illi, cjonostanti, l-istess socjeta’ konvenuta ma dehritx quddiem il-Qorti sabiex tikkontesta t-talba in esami u lanqas ma’ ppresentat nota tal-eccezzjonijiet.

Illi, prodott mis-socjeta’ attrici, xehed illum stess, quddiem il-Qorti, l-Avukat Dottor Martin Fenech, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-istess avviz ghadu dovut mis-socjeta’ konvenuta sad-data tallum.

Ikkunsidrat.

Ili, ghalhekk, it-talbiet attrici jistghu jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm1805.72 ossija €4206.20 bl-imghax legali mit-tnejn (2) ta’ Marzu 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------